MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2380/2002

***Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta***

***vs***

***Mario Aquilina***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et. nomine s-somma ta' tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm383.10c) rappresentanti kontijiet pendenti ghal konsum ta' l-ilma u kera ta' *meter* ta' l-ilma li jammonta ghal Lm75.58 u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku li jammonta ghal Lm307.52 fil-fond Rambo, Tal-Handaq limitu ta' Hal Qormi ghall-perijodu minn qabel 1989 sal-20 ta' Awissu 2001, skond il-

kont numru 206738410 u d-dokumenti annessi (WSC1 u WSC 2).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Frar 2002 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici proprio et. nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et. nomine s-somma ta’ tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm383.10), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------